MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tas-26 ta' Ottubru, 2005

Avviz Numru. 40/1996/1

**Louis Casha**

**Vs**

**Is-Sur Carmel Cuschieri bhala President u s-Sur Joseph Borg Xuereb ghala Segretarju Onorarju ghan-nom u fl-interess tal-Malta Society of Arts, Manufactures and Commerce u b'nota tal-4 ta'Gunju 1996 il-Perit Markis Godwin Drago u Carm Lino Cuschieri assumew l-atti bhala president u segreatrju u in rapprezentanza tas-socjeta' konvenuta minflok Carmel Cuschieri u Joseph Borg Xuereb.**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih l-attur talab sabiex il-konvenuti fil-kwalitajiet taghhom premessi jghidu l-ghaliex ma ghandhomx jigu kkundannati li jhallsu lill-attur s-somma ta' mitejn liri maltin (Lm200) bhala l-ewwel premju tal-kompetizzjoni aktar l-isfel imsemmija, ossija jersaq ghall-likwidazzjoni u hlas tad-danni, likwidat min din il-Qorti sal-ammont ta' mitejn liri maltin (Lm200), rappresentanti ammont misthoq mill-attur bhala l-persuna li rebhet/kellha tirbah l-ewwel premju fil-kompetizzjoni imnieda mis-socjeta' konvenuta fl-ahhar tas-sena 1994, bit-titolu "1994 Poster Competition" (Dok A).

Bl-ispejjes, inklusi dawk tal-ittri interpellatorji tas-6 ta' Gunju, 1994, u tal-11 ta' Awissu, 1994 bl-imghaxijiet legali mid-data tan-notifika ta' din il-kawza, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-istess konvenuta (fol 9 tal-atti) u li biha eccepew riverentement:

Illi fl-ewwel luog l-attur m'ghandux interess jressaq it-talbiet tieghu kontra l-esponenti Cuschieri u Borg Xuereb: is-socjeta "Malta Society of Arts, Manufactures and Commerce" hija socjeta' rikonoxxuta u ghalhekk l-azzjoni promottrici ma tistax tkun diretta kontra l-esponenti Cuschieri u Borg Xuereb ghala President u Segretarju rispettivament tas-socjeta' imsemmija izda kontra rappresentant tas-socjeta imsemmija (vide: Appell: Bugeja vs Agius et. 4 ta' Ottubru 1991) u ghalhekk l-esponenti ghandhom jigu liberati mill-giudizzju.

Illi fit-tieni lok u minghajr pregudizzju, l-atti mhumiex integri billi s-socjeta' msemmija ma gietx mharrka.

Illi fit-tielet lok u minghajr pregudizzju, il-kompetizzjoni in kwistjoni ma gietx mnieda mis-socjeta' "Malta Society of Arts, Manufactures and Commerce" izda mill-principal taghha u cioe Malta Trade Fairs Corporations kif jidher mid-Dok A esebit mill-istess attur u ghalhekk l-atti m'humiex integri;

Illi fir-raba’ lok u minghajr pregudizzju, l-azzjoni hija preskritta bid-dekors taz-zmien ikkontemplat mill-ligi;

Illi fil-hames lok u minghajr pregudizzju l-attur la huwa rebbieh u lanqas – kif jissupponi hu – “il-persuna li kellha tirbah l-ewwel premju”. Infatti, minn fost id-diversi disinni li hadu sehem fil-Kompetizzjoni in kwistjoni l-ebda wiehed minnhom kien tal-istandard mehtieg. Inoltre lanqas ma kien hemm ‘runner-up’.

Illi ghalhekk it-talba attrici ghandha tigi michuda bl-ispejjes kontra l-attur.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat kif ukoll il-lista tax-xhieda annessa mal-istess nota tal-eccezzjonijiet.

Rat id-digriet tal-istess Qorti kif diversament presjeduta (a fol 11 tal-atti) moghti fit-8 ta’ Marzu 1996 u, bhala konsegwenza <u>giet irtirata l-ewwel eccezzjoni</u> sottomessa mill-konvenuti.

Rat in-nota ta’ assunzjoni tal-atti a fol 13 tal-atti presentata ‘seduta stante’.

Rat il-verbal tas-seduta tal-4 ta’ Gunju 1996 minn fejn jidher li l-konvenuti <u>irrinunzjaw ghat-tieni eccezzjoni</u>.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi in forma preliminari, jrid jigi premess illi:

a) kif di gja inghad l-ewwel (1) u t-tieni (2) eccezzjoni gew irtirati mill-konvenuti.
b) In rigward, ir-raba (4) eccezzjoni jrid jinghad illi in konnessjoni mal-istess eccezzjoni, il-konvenuti ma

indikaw jew specifikaw l-ebda artikolu tal-Ligi li fuqu qed jibbazaw din l-eccezzjoni.

Ghalhekk il-Qorti ma tistax tikkonsidra l-istess eccezzjoni waqt li jinghad ukoll li ma tressqet ebda prova in konnessjoni maghha.

Illi ghalhekk din is-sentenza ser tittratta u tiddeciedi l-meritu ta' din il-kawza kif ukoll jigu konsiderati t-tielet (3) u l-hames (5) eccezzjoni.

Ikkunsidrat

Illi, in sintesi, kif risultanti mid-dokument esebit mill-attur u anness mal-atti a fol 2 (Dok A), il-Kunsill tas-socjeta Maltija tal-Arti, Manifattura u Kummerc kienet giet inkarigata jew fdata ('entrusted'), mill-'MaltaTrade Fairs Corporation' sabiex torganizza, f'isimha ("on its behalf') kompetizzjoni ghall-ghazla ta' Poster Motif" ghas-sena 1994. Fl-istess dokument jinghad illi din is-socjeta ghamlet stedina sabiex jigu sottomessi lilha disinji originali ghal 'poster' intiz sabiex jippromwovi l-Fjiera hemm imsemmija u sabiex jirrifletti l-promozzjoni ta' industriji u kummerc. In rigward id-disinji sottomessi, dak rebbieh kellu jintghazel minn "an independent Adjudication panel" u f'kaz li kien jkun ta' livell gholi sufficjenti, il-Korporazzjoni msemmija setghet tuzah, bhala il-'porter' ufficjali ghall-istess fjiera, ghal aktar minn darba wahda. Skond l-istess dokument, premju ta' mitejn lira Maltin (Lm200) kellu jinghata lill min jkun issottometta d-disinn rebbieh waqt li premju ta' konsolazzjoni u hamsa u sebghin lira Maltin (Lm75) kellu jithallas lid-disinn li kien maghzul bhala t-tieni ('runner-up').Dwar dan il-punt, ghandu jigi notat illi in rigward il-premju ta' konsolazzjoni kellu jinghata lil min jkun iddisinja d-disinn relattiv mill-istess socjeta konvenuta.

Fl-ahhar nett, hemm ukoll imnizzel illi iz-zewg disinji li jkunu gew aggudikati mill-imsemmi 'panel' bhala dak rebbieh u bhala dak li jimmerita premju ta' konsolazzjoni kellhom jkunu l-proprjeta esklussiva tal-Korporazzjoni.

Illi:

a) Skond kif xehed l-attur stess (fol 14 et seq ibid) hu kien gie nformat minn Carmelo Cuschieri li fiz-zmien in kwistjoni kien President tas-Socjeta' konvenuta u dan informalment permezz ta' telefonata, illi wiehed mid-disinni sottomessi mill-istess attur, kien rebah il-konkors in kwistjoni. L-istess informazzjoni kienet inghatat lilu, f'zewg okkazjonjiet ohrajn minn l-attur Louis Casha (ara fol 28 u fol 29 tal-atti) u minn Ganni Bonnici (ara fol 37 u fol 38 ibid) wiehed mill-membri tal-'independent adjudication panel' gja msemmi. Pero ma kien ircieva xejn, in forma ufficjali, sabiex tinformah illi id-disinn sottomess minnu kien dak rebbieh. Filfatt l-istess Carmelo Cuschieri kien informah li 'ghandna l-maltemp' fis-sens li l-istess disinn kien gie rifjutat mill-Korporazzjoni.
b) Carmelo Cuschieri, gja wiehed mill-konvenuti u President tas-Socjeta konvenuta meta gara dan il-kaz, ikkonferma illi, kien membru tal-'panel' imsemmi meta dan kien irrakomanda li l-attur '…. Jigi placed no. 1'. Ix-xhud ulterjorment spjega li 'Il-Policy kienet li ahna nirrakomandaw lit-Trade Fair Corporation' u t-'Trade Fair Corporation' tkun li tiddeciedi'. Dwar id-dokument a fol 2 tal-atti, li ghalih gja saret referenza, ix-xhud irrefera ghal dan id-dokument bhala 'ir-rules' tal-kompetizzjoni li saru, in kollaborazzjoni bejn is-socjeta konvenuta u l-Korporazzjoni msemmija. Inoltre fuq l-isess 'panel' kien hemm membri ossija Alfred Calleja li kien jirrapresenta il-Korporazzjoni.
c) Fil-fehma tal-Qorti, xhud relevenati hafna hu Alphonse Farrugia, segretarju tas-socjeta konvenuta, wahda mill-fondaturi tal-istess Korporazzjoni (fol 62 et seq ibid u d-dokumenti a fol 50 et seq ibid). L-istess socjeta kellha rappresentant fuq il-kunsill ta' din il-Korporazzjoni. Kull sena, is-socjeta konvenuta kienet tkun inkarigata mill-Korporazzjoni, sabiex f'isimha torganizza l-konkors in esami u ghal, dan il-ghan, kien jigi publikat fuq Gazzetti lokali avviz bhal dak a fol 2 tal-atti, liema avviz kien jigi mhallas u mahrug mill-Korporazzjoni. Dwar dan l-inkarigu, hu opportun illi ssir referenza ghall-ittra a fol 55 tal-atti, mibghuta mill-Korporazzjoni lis-socjeta konvenuta dwar l-istess inkarigu u li fiha jinghad espressament "….

Your society will indicate the best three entries. The final selection will be made by our Management Committee'. Dwar l-istess konkors, ix-xhud rega' specifika "Filfatt ahna nirrakkomandaw tlett 'entries' imbaghad it-Trade Fairs Corporation' taghzel hi …. Ahna naghmlu gradwatorja cjoe first, second, u third. Ix-xhud hawnhekk esebixxa l-minuti tal-'adjudication committee' ossija 'panel' imsemmi u li kien jirreferi ghal kaz in desamina (fol 56 et seq ibid). Minn dan id-dokument, jirrisulta min kienu l-membri ta' dan il-'panel' min minn fosthom ma kienx ivvota u l-metodu li kien intuza sabiex issir l-ghazla tal-ahjar tlett disinji permezz ta' vot sigriet. Fil-paragrafu 5 jinghad espressament, 'the entry securing the highest number of points would be the winner of the Lm200 prize'. Sussegwentement, fil-paragrafu 12 jinghda verbatim, 'the winner … is Mr Louis Casha (Lm200) ….'. Pero, kif jidher mill-ittra a fol 59 tal-atti, mibghuta 'in risposta' lis-socjea konvenuta, il-Korporazzjoni permezz ta' Mario Vella, kienet informatha illi '.. the recommended posters lack marketing appeal and fail to convey the International Fair of Malta message and consequently cannot be accepted' Ciononostante il-Bord tal-istess Korporazzjoni, wara dan ir-rifjut, kien iddecieda li jaghti premju ta' konsolazzjoni ta' Lm100. Dwar dan il-premju msemmi,jidher li dan ma kienx inghata.

e) Mario Vella gja msemmi u li fil-perijodu in esami kien il-kap ezekuttiv tal-istess Korporazzjoni,waqt li kkonferma il-korrispondenza kollha li ghaddiet bejn s-socjeta konvenuta u l-Korporazzjoni dwar il-materja in esami. (ara id-dokumenti gja msemmija). Ix-xhud sema illi, f'dan il-kaz, il-Bord tal-Korporazzjoni '…. Hass illi r-rakkomandazzjoni … ma kienetx accettabbli ….' ghar-raguni hemm inkata u dan avolja qal ukoll 'Effettivament il-kompetizzjoni kienet issir mis-socjeta tal-Arti u aggudikata minn bord nominat mill-istess Socjeta …'. Dwar il-premijiet, il-Korporazzjoni kienet tikkunsejna somma flus lill-istess socjeta konvenuta'… u din kienet tqassam din is-somma bhala premijiet'. L-istess xhud issottolinea (fol 72 ibid l-ewwel paragrafu) illi '…il-Bord tal-Korporazzjoni tal-Fieri kellu l-ahhar kelma' u l-istess Bord li ghadu kemm

issemma …. seta’ ma jaccettax ir-rakkomandazzjoni tas-Socjeta tal-Arti’.

Dwar l-imsemmi premju ta’ konsolazzjoni ammontanti ghal Lm100, din kienet decizjoni tal-Bord tal-Korporazzjoni kif di gja inghad u ‘… il-pagament bhala ‘consolation prize’ kien sar fis-sens li din is-somma kienet gie kunsenjata lis-Socjeta konvenuta sabiex tinghata lill-attur u dan ‘… fid-diskrezzjoni tas-Socjeta tal-Arti’. Fl-ahhar nett, l-istess xhud in kontroesami, irrefera ghad-diskrezzjoni li kellha l-Korporazzjoni (‘fl-ahhar kelma’), din kienet tfisser u tirreferi ghall-uzu tal-‘poster’ ‘…ghar-reklamar jew le’.

f) Dwar ix-xhieda tal-President tal-Korporazzjoni, <u>Anthony Galea</u> (fol 85 u fol 86 ibid) dan irrefera ghal fatti li di gja saret referenza ghalihom, kif hawn fuq espost. Pero ghandu jsir accenn ghal fatt illi l-imsemmi Carmel Cuschieri, skond kif qal l-istess xhud, kien, fiz-zmien in esami President tas-Socjeta konvenuta kif ukoll membru tal-Bord tal-Korporazzjoni u tal-‘adjudication panel’ li ssemma u dan kien ‘…kwazi ha ghalih’ meta l-‘poster’ ossija d-disinn sottomess mill-attur ma kienx gie accettat ghax ‘below standard’.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi, sintetizzati l-provi in esami, ghandu jinghad, minnufih, illi skond kif jidher mill-anness <u>Dok A</u> a fol 2 tal-atti (ara ukoll fol 53 u fol 54 ibid) hawn specifikat illi, fil-konkors inesami, ‘A consolation prize of seventy five Maltese liri (Lm75) will be awarded by the Malta Society of Arts, Manufacture and Commerce to the entry placed as <u>runner up</u> to the selected design’ ossija lil dak sottomess minn Ludwig Flask. Dwar l-ewwel premju ma hemm <u>l-ebda referenza diretta ghas-socjeta</u> konvenuta fis-sens li din kellha taghti premju ta’ Lm200 lid-disinn rebbieh. Difatti jidher li dan il-premju kellu jinghata ujithallas mhux mis-socjeta konvenuta izda mill-Korporazzjoni tal-Fieri, liema hiex parti f’dan il-proceduri. Ghalhekk abbasi ta’dan il-punt preliminari l-ewwel talba ma tistax tigi akkolta.

<u>Ikkunsidrat</u>

Il-Qorti rat, pero' li jkun opportun li tara ukoll u tiddeciedi l-meritu ta'dan il-kaz. Dwar dan saret referenza, di gja, ghad-dokument a fol 2 tal-atti kif ukoll a fol 53 u fol 54 ibid u minn dan jidher illi l-konkors kien qed jigi organizzat mis-socjeta konvenuta, fuq inkarigu moghti lilha mill-istess Korporazzjoni. Hu minnu illi d-disinn in kwistjoni kellu jintghazel ('selected') mill-'panel' imsemmi pero l-istess disinn jidher li kellu jkun soggett ghall-approvazzjoni tal-Korporazzjoni li kellha tara illi l-istess disinn jirrifletti l-iskop intiz ghalih ossja '… the promotion of industry and commerce in general' (dwar dan ara l-ittra a fol 59 tal-atti). Hawnhekk il-Qorti tara illi ghandu jigi applikat l-artikolu 1063 tal-Kodici Civili fis-sens illi l-obligazzjoni ghall-hlas tal-premju in kwistjoni kellha tesisti meta <u>tinghata l-approvazzjoni mill-Korporazzjoni</u> li kellha fi ftit kliem l-ahhar kelma f'tali konkors.

Ghalhekk anke minn dan il-lat l-ewwel talba ma tistax tigi akkolta.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi l-attur issottometta talba alternattiva li permezz taghha qed jitlob danni bhala '…ammont misthoqq mill-attur bhala l-persuna li rebhet/kellha tirbah l-ewwel premju …'. Dwar din it-talba, l-attur ma specifikax jekk dawn id-danni humiex mitluba fuq bazi kontrattwali jew delittwali. Inoltre ma ingiebet ebda prova sabiex tiggustifika it-talba alternattiva kemm fuq bazi legali kemm ta' fatt (ara l-artikolu 1031 u 1125 tal-Kodici Civili).

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi, pero', gja saret referenza ghall-ittra li tinsab a fol 59 tal-atti. F'dan jinghad illi l-'poster' inkwistjoni ma' setax jigi accettat flimkien mad-disinji sottomessi, mill-Bord tal-Korporazzjoni ghar-raguni hemm imsemmija. Pero l-istess Bord kien iddecieda illi jaghti s-somma ta' Lm100 bhala 'consolation prize'. Dwar dan il-punt <u>Mario Vella</u> kien xehed, a fol 73, illi '… il-consolation prize' ta' Lm100 kellu jinqasam bejn diversi persuni. Pero din kienet fid-

diskrezzjoni tas-Socjeta tal-Arti’ (ara ukoll l-ittra a fol 50 ibid).

Dwar dan il-Qorti tifhem illi fuq bazi ta’ ekwita, din is-somma ghandha tinghata a basi ta’ dak kollu premess u issir referenza specjali ghall-istess dokument markat Dok A fejn hemm indikat kif hawn fuq premess illi s-somma ta‘ Lm100 ghandha tinghata in rigward ‘the selected design’ mill-Korporazzjoni. Ghalhekk, la darba l-Korporazzjoni kienet disposta li taghti dan il-premju u awtorizzat lis-socjeta konvenuta sabiex taghmel dan il-pagament din ghandha thallas lill-attur is-somma kollha ta’ Lm100 lill-attur bhala forma ta’ kumpens, fic-cirkostani ta’ dan il-kaz, kif hawn fuq esposti.

Ghal dawn il-motivi il-Qorti filwaqt li tichad it-talbiet attrici kif maghmulin u dedotti mill-avviz in esami, tilqa t-talba attrici ghal xi forma ta’ risarciment u tikkundanna lis-socjeta konvenuta sabiex thallas lill-attur is-somma ta’ Lm100 bl-imghax legali mid-data ta’ din is-sentenza sal-pagament effettiv. In rigward l-ispejjes, tenut kont tac-cirkostanzi ta’ dan il-kaz specjalment il-mod kif l-istess attur kien gie informat dwar ir-‘rebh’ tal-ewwel premju fil-konkors in esami l-ispejjes ghandhom jibqghu bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------